

7.6.2023

B9-0260/28

Emenda 28

Gilles Lebreton

f' isem il-Grupp ID

Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal rakkomandazzjoni

B9-0260/2023

Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni

Premessa Pa (ġdida)

Proposta għal rakkomandazzjoni

Emenda

Pa. billi l-adozzjoni tal-Att dwar ir-Riforma Ġudizzjarja mill-Parlament Ungeriż tafferma mill-ġdid l-indipendenza tal-ġudikatura peress li dan jiggarrantixxi l-biċċa l-kbira tas-setgħat tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali indipendenti;

Or. en

Emenda 29**Gilles Lebreton**

f' isem il-Grupp ID

Jorge Buxadé Villalba**Proposta għal rakkomandazzjoni****B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti**

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Paragrafu 28***Proposta għal rakkomandazzjoni**Emenda*

28. Jieħdu l-pożizzjoni li l-kummerċ fis-software ta' spjunaġġ u l-użu tiegħu jeħtieġ li jiġu rregolati b'mod strett; **madankollu, filwaqt li jirrikonoxxi li l-proċess leġiżlattiv jista' jieħu ż-żmien, filwaqt li l-abbuż irid jitwaqqaf immedjatement; jitlob li jiġu adottati immedjatement kundizzjonijiet għall-użu legali, il-bejgħ, l-akkwist, it-trasferiment ta' software ta' spjunaġġ; jinsisti li, għall-użu kontinwu ta' software ta' spjunaġġ, l-Istati Membri għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin sal-31 ta' Diċembru 2023:**

28. Jieħdu l-pożizzjoni li l-kummerċ fis-software ta' spjunaġġ u l-użu tiegħu jeħtieġ li jiġu rregolati b'mod strett;

(a) il-każijiet kollha ta' allegat abbuż ta' software ta' spjunaġġ jiġu investigati u riżolti bis-sħiħ mingħajr dewmien mill-awtoritajiet xierqa tal-infurzar tal-liġi, tal-prosekuzzjoni u ġudizzjarji;

(b) jippruvaw li l-qafas li jirregola l-użu ta' software ta' spjunaġġ huwa konformi mal-istandards stabbiliti mill-Kummissjoni ta' Venezja u mal-ġurisprudenza rilevanti mill-QĠUE u l-QEDB;

(c) jieħdu impenn espliċitu li jinvolvu lill-Europol skont l-Artikoli 4, 5 u 6 tar-Regolament tal-Europol relatat ma'

investigazzjonijiet dwar allegazzjonijiet ta' użu illeġittimu ta' software ta' spjunaġġ; u li

(d) il-liċenzji kollha tal-esportazzjoni li mhumiex kompletament konformi mar-Regolament dwar l-Oġġetti b'Użu Doppju jiġu revokati;

Or. en

Emenda 30**Gilles Lebreton**

f' isem il-Grupp ID

Jorge Buxadé Villalba**Proposta għal rakkomandazzjoni****B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti**

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Paragrafu 35***Proposta għal rakkomandazzjoni*

35. Iqis li t-teknoloġija ta' interċettazzjoni u estrazzjoni biss tista' tinbiegħ minn kumpaniji fl-UE u tinxtara mill-Istati Membri, u mhux "il-hacking bħala servizz", li jinkludi l-forniment ta' appoġġ tekniku, operazzjonali u metodoloġiku tat-teknoloġija ta' sorveljanza, u jippermetti lill-fornitur aċċess għal ammont sproporzjonat ta' data li huwa inkompatibbli mal-prinċipji ta' proporzjonalità, neċessità, leġittimità, **legalità** u adegwatezza; **jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi proposta leġiżlattiva f'dan ir-rigward;**

Emenda

35. Iqis li t-teknoloġija ta' interċettazzjoni u estrazzjoni biss tista' tinbiegħ minn kumpaniji fl-UE u tinxtara mill-Istati Membri, u mhux "il-hacking bħala servizz", li jinkludi l-forniment ta' appoġġ tekniku, operazzjonali u metodoloġiku tat-teknoloġija ta' sorveljanza, u jippermetti lill-fornitur aċċess għal ammont sproporzjonat ta' data li huwa inkompatibbli mal-prinċipji ta' proporzjonalità, neċessità, leġittimità, **legalità** u adegwatezza;

Or. en

Emenda 31**Gilles Lebreton**

f' isem il-Grupp ID

Jorge Buxadé Villalba**Proposta għal rakkomandazzjoni****B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti**

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Paragrafu 45***Proposta għal rakkomandazzjoni*

45. Iqis li l-użu ta' software ta' spjunaġġ jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali; iqis ukoll li ***fejn*** jintuża kunċett f'kuntest legali, li jgħib miegħu ***it-trasferiment*** tad-drittijiet u l-impożizzjoni ta' obbligi (u b'mod partikolari, limitazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-individwi), il-kunċett jeħtieġ li jkun ċar u prevedibbli għall-persuni kollha affettwati minnu; Ifakkar li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tipprevedi li kwalunkwe limitazzjoni għad-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 52(1) trid tiġi stipulata fil-liġi; ***għalhekk iqis li huwa meħtieġ li tiġi definita "s-sigurtà nazzjonali" biex tkun definita b'mod ċar***; jenfasizza li lil hinn mid-demarkazzjoni preċiża, id-dominju tas-sigurtà nazzjonali jrid ikun soġġett għal sorveljanza indipendenti, vinkolanti u effettiva b'mod sħiħ;

Emenda

45. Iqis li l-użu ta' software ta' spjunaġġ jikkostitwixxi limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali; iqis ukoll li ***meta*** jintuża kunċett f'kuntest legali, li jgħib miegħu ***t-trasferiment*** tad-drittijiet u l-impożizzjoni ta' obbligi (u b'mod partikolari, limitazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-individwi), il-kunċett jeħtieġ li jkun ċar u prevedibbli għall-persuni kollha affettwati minnu; Ifakkar li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tipprevedi li kwalunkwe limitazzjoni għad-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 52(1) trid tiġi stipulata fil-liġi; jenfasizza li lil hinn mid-demarkazzjoni preċiża, id-dominju tas-sigurtà nazzjonali jrid ikun soġġett għal sorveljanza indipendenti, vinkolanti u effettiva b'mod sħiħ;

Or. en

7.6.2023

B9-0260/32

Emenda 32

Gilles Lebreton

f' isem il-Grupp ID

Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal rakkomandazzjoni

B9-0260/2023

Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni

Paragrafu 128a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni

Emenda

128a. Jinnota li l-Kumitat ta' Inkjesta biex Jinvestiga l-Użu tal-Pegasus u ta' Software ta' Spjunaġġ għas-Sorveljanza Ekwivalenti ġie stabbilit waqt li kienu qed jitwettqu investigazzjonijiet u proċedimenti legali f'xi Stati Membri, u jikkundanna, f'dan il-kuntest, ir-rifjut tal-Parlament li jstabbilixxi sa minn Jannar 2023 kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga r-responsabbiltajiet politiċi fil-Parlament b'rabta ma' suspetti ta' korruzzjoni li jinvolvu lill-Qatar;

Or. en